Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1932

23.9.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/1932

## tat-22 ta' Settembru 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 tapplika sal-10 ta' Ottubru 2025. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stipulati fiha jiġu estiżi sal-10 ta' Ottubru 2026.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135, id-data "10 ta' Ottubru 2025" hija sostitwita bid-data "10 ta' Ottubru 2026".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. JENSEN

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2135 tad-9 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan (ĠU L, 2023/2135, 11.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2135/oj).